**30 ta' Mejju, 1963.**

**Imħallef:**

**Onor. Prof. Joseph Henry Xuereb, LL.D.**

Gladys Hockey et

*versus*

Joseph Cassar et

**Senserija — Serviġi — Likwidazzjoni ta'**

*Ma hemmx dritt għas-senserija, imma għal sempliċi serviġi meta negozju jiġi konkjuż mingħajr l-operat tas-sensal. Is-serviġi li għandhom jiġu likwidati għandhom japprossimaw is-senserija meta għall-konklużjoni tan-negozju ma jkunx għad fadal wisq xogħol xi jsir mis-sensal.*

Il-Qorti, rat iċ-ċitazzjoni li biha l-atturi wara li ppremettew illi huma rrendew serviġi konessi ma' senserija għall-bejgħ tal-fond, Mater Boni Consilii Street, Pawla, u, wara li huma ressquhom u tawhom l-informazzjonijiet neċessarji għall-bejgħ, il-konvenut Joseph Cassar u George DeGiorgio bejniethom għamlu t-trasferiment tal-fond in kwistjoni mingħajr ma nformawhom, bil-prezz ta' elfejn u mitejn lira (£2,200) kif jirriżulta mit-trattazzjoni tal-kawża, u li meta ntalbet is-senserija fil-bidu l-konvenuti ammettew li għandhom iħallsu però fil-fatt meta mitlubin biex iħallsuhom il-konvenuti sussegwentement irrifjutaw iħallsu l-import mitlub mill-attriċi, talbu li — wara li jsiru d-dikjarazzjonijiet u jingħataw il-provvedimenti li jmissu — il-konvenuti jiġu kundannati jħallsuhom dik is-somma li tiġi likwidata minn dina l-Qorti u talvolta fi kwoti stabiliti mill-istess Qorti occorrendo b'opera ta' periti nominati u dana in linea ta' senserija jew servizi resi minnhom a favur tal-konvenut kif fuq intqal u għal kwalunkwe kawżali oħra valida fil-liġi. Bl-imgħax legali u bl-ispejjeż;

OMISSIS...

Rat in-nota tal-eċċezzjonijiet tal-konvenut George Degiorgio li biha qal, preliminarjament, li hu qatt ma kellu relazzjonijiet ġuridiċi mal-attur Baker u għalhekk għandu jiġi liberat fil-konfront tiegħu, u, *fil-meritu, li hu offra somma adegwata* lill-attriċi Hockey li nġustament irrifjutatha u qatt ma tatu risposta definittiva;

Rat in-nota ta' l-eċċezzjonijiet tal-konvenut Joseph Cas-

sar li biha qal li d-domanda tal-atturi hija nfondata fid-dritt u fil-fatt għaliex huma ma rrendew ebda servigi lill-eċċipjent fl-operazzjoni li għamel mal-konvenut l-ieħor;

OMISSIS...

**Ikkunsidrat;**

Illi l-Perit Legali wasal għall-konklużjoni li (a) l-eċċezzjoni tal-konvenut De Giorgio dwar l-attur Baker m'hiex sostenibbli; (b) l-atturi ħaqqhom kumpens għal servigi u mhux dritt ta' senserija; (c) illikwida dana l-kumpens f'sitt lira (£6), pagabbli kwantu għall-erba' liri, tliet xelini u tmien soldi (£4.3s.8d) mill-konvenut DeGiorgio u lira, sittax-il xelin u erba' soldi (£1.16.4d) mill-konvenut Cassar;

Illi fuq l-eċċezzjoni li kien ta l-konvenut DeGiorgio ma għamel ebda kritika għas-sottomissjoni tal-perit u anzi fin-nota tiegħu jidher li qiegħed jaċċetta l-istess sottomissjoni almenu impliċitament jekk mhux espliċitament billi qal li jaqbel ma dak li sottometta l-Perit u li dawn kien li ħaqqhom jigu adottati: intant dan issottometta li dana l-konvenut kien tenut iħallas lill-atturi t-tnejn u l-istess konvenut tkellem fil-fatt fuq l-atturi bla ebda distinzjoni bejniethom, kif kieku kien jagħmel fl-ipotesi li baqa' jsostni l-ewwel eċċezzjoni tiegħu taħt eżami. Il-Qorti ma tistax tqies dina l-eċċezzjoni bħala rtirata la darba ma gietx fil-fatt ritirata u d-domandi l-oħrajn jiddependu mis-soluzzjoni tagħha; hi ma ssibx raguni biex ma taqbilx ma dak li ssottometta l-Perit fir-rigward, u żżid li mid-diskors li kien sar waqt il-pubblikazzjoni tal-att bejn il-konvenut u depost mid-difensur tagħhom stess l-interess ta' l-attur Baker fil-kawża kien evidenti u bil-mod li saret iċ-ċitazzjoni, fis-sens li l-atturi qegħdin jitolbu senserija waħda bejniethom, ma kienx hemm lok għall-eċċezzjoni stess mill-bidu; dina għalhekk ħaqqha tigi miċħuda bl-ispejjeż, li nvolviet, kif ingħad iżjed

'l isfel, kontra l-istess eċċipjent. Kwantu għall-inċident li nqala dwar l-attur Baker fis-sens li ma riedx jagħmel kawża kontra l-konvenut Cassar, il-Qorti ma tistax tagħmel ħlief biss issemmieh billi ma sar xejn fuqu ħlief li d-difensur li qabel kien jidher għalih ħalla l-patroċinju tiegħu, u ntant hu stess ma għamel xejn iżjed u baqa' fil-kawża mentri li ebda eċċezzjoni ma ngħatat fir-rigward mill-konvenuti;

*Illi kwantu għall-ħlas dovut lill-atturi, il-Qorti taqbel ukoll* mal-Perit Legali fis-sens li dan għandu jkun li kumpens ta' serviġi reżi u mhux dritt ta' senserija proprja billi l-opra tagħhom fil-fatt ma servitx biex twassal għan-negozju li kkonkludew bejniethom il-konvenuti weħidhom, għal dak ċioè li ġie *kemm-il darba riferit fil-ġurisprudenza* bħala "il sostanziale ed accidentale" jew "cose estrinsiche ed intrinsiche del contratto". L-opra tal-atturi kienet biss fis-sens li Baker semma lill-attriċi Hockey li Cassar ried ibiegħ il-fond in kwistjoni u Hockey wasslet din ir-risposta lill-konvenut DeGiorgio apparti milli marret ukoll għand l-inkwilina u sa weditha li tħallasilha biex iġġorr il-mobbli mill-fond stess. Dana naturalment qed jingħad bħala fatt peress li, mill-banda l-oħra, jirriżulta wkoll li l-konvenuti kienu disposti li jinqdew bl-opra tal-attur bħala sensala u qalulhom jew tawhom x'jifhmu hekk, ċioè l-konvenut DeGiorgio lill-attriċi Hockey u l-konvenut Cassar lill-attur Baker. Fin-nota tagħhom l-atturi Hockey insistew li l-konvenuti raw fl-atturi l-figura ta' sensiela u fil-fatt il-kelma "senserija" ssemmiet in riferenza għall-atturi, però l-mod kif hi konċepita ċ-ċitazzjoni juri li f'moħħ l-atturi stess hemm ċertu dubbju dwar il-vera kawżali dwar il-ħlas lilhom dovut; hu mbagħad magħruf li l-kelma "senserija" ħafna drabi tiġi użata nproprjament, meta ċioè jkun hemm lok biss għall-ħlas ta' kumpens; fil-każ preżenti jirriżulta positivament mix-xhieda tal-konsulent tal-konvenuti li dak il-ħin stess tal-pubblikazzjoni ta' l-att hu semmielhom, fuq domanda espressa li kien hemm lok għall-kumpens għal serviġi u mhux għall-sen-

senja u ntant il-flus li ħallew għandu biex iħallas lill-attriċi hu stess sejħilhom senserija. Taħt dawna ċ-ċirkostanzi l-konvenuti ma jistgħux jiġu kunsidrati li ammettew li l-atturi, jew xi ħadd minnhom, għamilha verament ta' sensal fin-negozju li ġie konkjuż għalkemm għandu jiġi ritenut li l-idea oriġinali kienet din fil-fatt imbagħad, il-mod kif sar il-pagament tal-prezz (cioè in parti bit-trasferiment ta' stabbli ieħor da parti tax-xerrej) jeskludi mill-ewwel il-possibiltà li xi ħadd mill-atturi verament wassal lill-konvenuti għan-negozju billi huma se mai setgħu wasslu risposta dwar prezz biss; dana qed jingħad allavolja legalment in-negozju baqa' ta' bejgħ u ma sarx ta' permuta (billi l-parti flus tal-prezz kienet ferm akbar mill-valur attribwit lill-fond trasferit) peress li dik il-modalità dwar il-ħlas per sè kellha bil-fors importanza fil-konklużjoni tan-negozju, u dana sar mingħajr l-intromissjoni ta' xi ħadd mill-atturi;

Illi kwantu għall-ammont likwidat mill-Perit, il-Qorti hi tal-fehma li ma ngħatax il-piż debitu fil-perizja liċ-ċirkostanza msemmija li l-idea oriġinali kienet li l-atturi, jew min minnhom, ikunu sensala u lill-fatt l-ieħor, ferm ukoll importanti li l-konvenut DeGiorgio sar jaf min kien is-sid u kwindi seta' ġie in kontatt miegħu billi mar għand l-inkwilina tal-fond stess u staqsieha, wara li l-attriċi Hockey kienet qaltlu li dak il-post raġa' għall-bejgħ billi qabel ġa kienet ħaditu fuq il-post. Dana skond ix-xhieda ta' DeGiorgio stess billi l-attriċi tgħid li hi kienet qaltlu min kien il-proprietarju u qaltlu wkoll il-prezz u hu rrispondiha li jerġa' jkellimha. B'dana l-mod, jekk l-istess attriċi ma setgħetx tagħti l-attività kollha mistennija minnha biex timmerita s-senserija sħiħa, dana ddependa mill-kontraenti stess, jew minn wieħed minnhom, u mhux sew li dana l-aġir ikun ta' preġudizzju lill-attriċi u lill-attur l-ieħor, sieħibha fis-senserija, f'miżura li ċ-ċirkostanzi ma jiġġustifikawx; l-istess attriċi, kif intqal, marret hi wkoll għand l-inkwilina tal-fond u l-konvenut DeGiorgio kien jaf b'dan tant li meta ġew

biex jirranġaw fuq il-ħlas tal-kumpens dovut lis-sensala, u ġie likwidat f'ammont ta' tletin lira (£30) hu naqqsilha seba' liri u għaxar xelini (£7.10.0d) għall-ġarr tal-mobbli da parti ta' l-inkwilin, billi din kienet qaltlu li l-attriċi kienet offritilha li tħallsilha. Dan l-interessament ta' l-attriċi u d-diskors tal-bidu seta' u aktarx kien li nduċa lill-konvenuti jillikwidawlha l-ammont ta' tletin lira (£30); dan infatti għamluh minn raj-hom billi sa dik-in-nhar kien għad m'hemm ebda kwistjoni fuqu; f'kull każ, taħt iċ-ċirkostanzi riżultati u riferiti mhux sew li l-atturi jitilfu wisq, mid-dritt li kien ikun dovut lilhom u lilhom indirettament promess u dana l-Qorti qegħda tgħidu għaliex fil-każ in kwistjoni, kieku l-operazzjoni tħalliet titkompla, kif kien ikun iżjed sew, permezz tas-sensala, dawn ma kienx ikollhom xogħol u taħbit wisq biex iwasslu għall-konklużżjoni tan-negozju mentri li hu magħdud li s-senserija, bħala tali, ma hiex kumpens għax-xogħol li jagħmel is-sen sala iżda mħabba l-opera li dan jisvolġi fis-soċjetà, u kwindi għoll-motivi ta' ordni pubbliku, billi din l-opera tiffaċilita l-kuntrattazzjonijiet u l-frekwenza tagħhom b'vantaġġ għall-ekonomija ġenerali. Fil-każ in eżami għalhekk il-Qorti tħoss li l-ammont dovut lill-atturi jrid ikun iżjed relatat mas-senserija milli għall-kumpens lilhom dovut għas-serviġi li setgħu taw diversament wieħed jista' jkun indott li, wara li jkun jaf dak li jidhirlu biżżejjed mingħand is-sensal u lil dan itih x'jifhem li sejjer ikun is-sensal, iwarrab lil dan bla ma jgħidlu u jaħdem minn warajh u jtelfu dak li verament jistħoqqlu: dan ikun vantaġġ indebitu minn aġir mhux xieraq a favur ta' min hekk jaġixxi, li mhux permess. Ma jidhirx, kif intqal, li riedu jagħmlu hekk il-konvenuti mal-attur billi ħasbu fihom sew, anzi żżejjed u l-Qorti tara f'dana l-atteġġjament konferma tal-fehma tagħha kif espressa;

Illi miċ-ċirkostanzi riżultati jidher li l-kawża ġiet provokata in parti minn atteġġjament intransiġenti ta' l-attriċi li evidentement mhux biss ma eżaminatx kif ġie verament kon-

kluż in-negozju dwar il-modalità tal-ħlas li ssemmiet iżda anke, meta semgħat bil-prezz, ħasbet li dan tniżżel iżgħar mir-realtà; ebda prova però ma ttentat iġġib f'dana s-sens. Mill-banda l-oħra l-konvenut De Giorgio naqqsilha seba' liri u għaxar xelini (£7.10.0) għall-ġarr tal-mobbli li hija rriteniet eċċessiv u dina wkoll kienet raġuni biex saret il-kawża; dwar dan in-nuqqas il-konvenut DeGiorgio ma kienx għal kollox korrett billi dan kellu jsir minn senserija sħiħa gwadanjata u mhux minn parti minnha biss. Il-konvenut Cassar ħalla f'idejn il-konvenut l-ieħor u kien dejjem dispost jagħmel bħalu. Però kollox sommat, meħuda in konsiderazzjoni ċ-ċirkostanzi kollha tal-każ, partikolarment dak li kien jifdal mis-senserija wara l-ħlas tal-ġarr, ix-xogħol svolt mill-atturi, l-entità tan-negozju u d-diffikoltà tiegħu, u l-likwidazzjoni li għamlu minn rajhom il-konvenuti stess tal-kumpens u li sa llum ħallew għand id-difensur tagħhom, il-Qorti ssib li l-kumpens xieraq għall-atturi għandu jkun ta' erbgħa u għoxrin lira (£24); f'dana l-ammont il-Qorti waslet wara li applikat għall-każ in eżami prinċipji li jinsabu msemmija fis-sentenzi riportati fil-volum XXIX, 1, 389 u Volum XL, 1, 463 fejn hemm ċitati ħafna deċiżjoni oħrajn, u hekk ġiet ittemperat anke l-ġenerosità qabel użata mill-konvenuti, qabel ma sar in-nuqqas li żamm il-konvenut DeGiorgio. Dan l-ammont hu dovut nofs, lill-atturi Hockey u nofs lill-attur Baker, solidalment mill-konvenuti, trattandosi ta' mandat għall-affari komuni (ara sentenza ċitata fit-tieni lok), salvi r-relazzjonijiet interni bejn il-konvenuti;

Ikkunsidrat;

Illi fuq il-kap ta' l-ispejjeż, salv dak li ġa ntqal hemm lok għal temperament peress li għalkemm l-atturi qegħdin jitolbu ammont li jiġi likwidat, wieħed dejjem irid iħares lejn dak li jkun ġara qabel il-kawża u l-pretensjonijiet li jkunu saru, jekk ikunu saru, billi dawn jiġġustifikaw o meno l-atteġġiament ta'

min jirrikorri jew iħalli lil min jirrikorri lill-Qorti għal-likwidazzjoni tal-ammont dovut; anke l-premessi u sottomissjonijiet matul l-kawża jridu jiġu kunsidrati billi dawn jinfluwixxu fuq it-tassazzjoni, u l-ammont fil-fatt li jiġi likwidat.

Għal dawna l-motivi u għal dawk tal-Perit Legali sa fejn kompatibbli mal-premess:

Il-Qorti taqta' l-kawża billi (a) tiċħad l-eċċezzjoni tal-konvenut De Giorgio fil-konfront ta' l-attur Baker, bl-ispejjeż (li għandhom jikkomprendu l-kwart tal-onorarju mħallas lill-Perit Legali) kontra l-istess konvenut De Giorgio, (b) tikkundanna lill-konvenuti li jħallsu solidalment bejniethom erbgħa u għoxrin lira (£24) lill-atturi (ripartibbli kwantu għall-tnax-il lira (£12) lill-atturi Hockey flimkien u tnax-il lira (£12) oħra lill-attur Baker) bħala kumpens lil dawn dovut għax-xogħol li għamlu u taħt iċ-ċirkostanzi setgħu jagħmlu in konnessjoni man-negozju konkluż bejn il-konvenuti u msemmi fiċ-ċitazzjoni. L-ispejjeż li għad mhux provvduti jitħallsu hekk; l-ispejjeż tal-perizja (i.e. l-bilanċ relattiv) nofs (½) mill-atturi flimkien (li minnu nofs mill-attur Baker) u nofs mill-konvenuti flimkien, u l-kumplament mill-konvenuti flimkien, benintiż li f'dawn ta' l-aħħar m'humiex kompriżi dawk tar-rikors tat-tlettax (13) ta' Frar 1959 li jibqgħu kif dekretati.